Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/318

20.2.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/318

tat-12 ta' Frar 2026

li jemenda l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mis-solipedi domestiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ċerti kategoriji ta' annimali ekwini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]) jistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429, iċ-ċertifikati uffiċjali previsti fir-Regolament (UE) 2017/625, u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali bbażati fuq dawk ir-Regolamenti, meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj.
([2]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.
([3]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/2235/oj).

(2) Il-Kapitoli 4 (mudell "EQU"), 24 (mudell "MP-PREP"), 25 (mudell "MPNT") u 26 (mudell "MPST") tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxu mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mis-solipedi domestiċi maħsub għall-konsum mill-bniedem. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE ([5]) tipprojbixxi l-amministrazzjoni tas-sustanzi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva lill-annimali ekwini maħsuba għall-konsum mill-bniedem (l-Artikolu 3, il-punt (a)) u l-importazzjoni fl-Unjoni minn pajjiżi terzi ta' tali annimali li jkunu ngħataw dawk is-sustanzi (l-Artikolu 11). Il-punt II.1.7 tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika fil-mudell EQU u l-punt II.1.11 tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika fil-mudelli MP-PREP, MPNT u MPST jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu dawk il-projbizzjonijiet.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 ([6]) jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-mudelli taċ-ċertifikati fil-forma ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali jew ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u l-mudelli tad-dikjarazzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u l-prodott ġerminali tagħhom.

(4) L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jipprevedi li ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u dikjarazzjonijiet li jakkumpanjaw dawk iċ-ċertifikati, li għandhom jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' annimali ekwini, għandhom jikkorrispondu ma' wieħed mill-mudelli stabbiliti fl-Anness II tiegħu, u msemmija f'dak l-Artikolu, skont il-movimenti konċernati.

(5) Il-Kapitoli 13 u 14 ta' dak l-Anness jistabbilixxu, rispettivament, il-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u l-mudell tad-dikjarazzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini mhux maħsuba għall-iskarnar (mudell "EQUI-X") u maħsuba għall-iskarnar (mudell "EQUI-Y"). Il-punt II.6 tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika f'dawk il-mudelli jenħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (a), u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 96/22/KE.

(6) Għalhekk, l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(7) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-kummerċ fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mis-solipedi domestiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ċerti kategoriji ta' annimali ekwini minħabba l-emendi li saru lill-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u lill-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 b'dan ir-Regolament, l-użu taċ-ċertifikati jew tad-dikjarazzjonijiet maħruġa f'konformità mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u (UE) 2021/403, kif applikabbli qabel l-emendi li saru b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jibqgħu jiġu awtorizzati matul perjodu tranżizzjonali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta'April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni ta' l-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists u li thassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/22/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/403/oj).

Artikolu 2

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Għal perjodu tranżizzjonali sat-12 ta' Diċembru 2026, l-użu taċ-ċertifikati uffiċjali jew taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali maħruġa f'konformità mal-mudelli stabbiliti fil-Kapitoli 4, 24, 25, u 26 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, kif applikabbli qabel l-emendi li saru lil dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni b'dan ir-Regolament, għandu jibqa' jiġi awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mis-solipedi domestiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, dment li dawk iċ-ċertifikati ma jkunux inħarġu aktar tard mit-12 ta' Settembru 2026.

2. Għal perjodu tranżizzjonali sat-12 ta' Diċembru 2026, l-użu taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jew tad-dikjarazzjonijiet, maħruġa f'konformità mal-mudelli stipulati fil-Kapitoli 13 u 14 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403, kif applikabbli qabel l-emendi li saru lil dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni b'dan ir-Regolament, għandu jibqa' jiġi awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali ekwini dment li dawk iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet ikunu nħarġu mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2026.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 4

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, ĦLIEF IL-LAĦAM IKKAPULJAT U L-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TAS-SOLIPEDI DOMESTIĊI (EQUUS CABALLUS, EQUUS ASINUS U R-RAZEZ INKROĊJATI TAGĦHOM) (MUDELL EQU)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="3">Ċertifikat uffiċjali għall-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="13">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="2">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="2">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="2">Mezz tat-trasport
☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment
☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="2">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.17</td><td colspan="2">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport ☐ Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="2">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="2">Iċċertifikat bħala jew għal
☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="2"></td><td>I.22</td><td colspan="2">☐ Għas-suq intern</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.23</td><td colspan="2"></td></tr>
</table>

I.24 Għadd totali ta' imballaġġi		I.25 Kwantità totali		I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)	
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna					
Kodiċi CN	Speċi				
	Maħżen kiesaħ		Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
☐ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura			

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EQU**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jiena, is-sottoskritt, niddikjara li jien konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk tas-solipedi domestiċi (*Equus caballus*, *Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom) deskritti fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. il-laħam ġej minn stabbilimenti li japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjati regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkati bħala stabbilimenti approvati mill-Unjoni;

II.1.2. il-laħam inkiseb f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.3. il-laħam jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375, u b'mod partikolari, ġie soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;

II.1.4. il-laħam instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 17, 22, 24, 31 sa 35, 37, 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 u mal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

II.1.5. [(1) *jew* [il-laħam huwa karkassa jew parti tagħha li ġiet immarkata f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;]

[(1) *jew* [il-laħam huwa f'pakketti li ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]

II.1.6. il-laħam jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005;

II.1.7. il-laħam inkiseb minn solipedi domestiċi li nżammu għal ħajjithom kollha bħala annimali ekwini li jipproduċu l-ikel f'pajjiż terz jew territorju elenkat għall-annimali ekwini fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkati b'"X" għall-kategorija "ekwini", jew fi Stat Membru, li fih l-amministrazzjoni lis-solipedi domestiċi ta':

(i) is-sustanzi elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 hija pprojbita;

(ii) sustanzi tirostatiċi, stilbeni, derivattivi tas-stilbeni, l-imlieħ u l-esteri tagħhom, estradjol 17β u d-derivattivi tiegħu li jixbhu l-esteri hija pprojbita;

(iii) sustanzi oħrajn li għandhom azzjoni estroġenika, androġenika jew ġestaġenika u ta' betaagonisti hija permessa biss għal:

[(1) *jew* [trattament terapewtiku, kif iddefinit fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), tad-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE, meta jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva;]]

[(1) *u/jew* [trattament żootekniku kif iddefinit fl-Artikolu 1(2), il-punt (c), tad-Direttiva 96/22/KE, meta jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva;]]

II.1.8. il-laħam inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

[(1) (3) [**II.1a. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905**

Jiena, is-sottoskritt, niddikjara li jien konxju bir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk tas-solipedi domestiċi (*Equus caballus*, *Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom) deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li, l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam ma ngħatawx prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku li huwa inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 kif

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EQU**

stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598.]

II.2. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

L-esklużjoni ta' laħam ikkapuljat u ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dawn il-prodotti ma għandhomx jidħlu fl-Unjoni bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali huwa maħsub għal-laħam frisk, eskluži d-demm frisk, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, ta' solipedi domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom).

"Laħam frisk" kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.27: "Kodiċi NM": Indika l-kodiċi(jiet) xieraq/xierqa tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali taħt l-intestaturi li ġejjin: 0205, 0206 jew 0504.

"Natura tal-komodità": Indika "karkassa-sħiħa", "karkassa-ġenb", "karkassa-kwarti", "ġewwieni" [2] jew "qatgħat".

"Tip ta' trattament": Jekk xieraq, indika "dissussat", "bl-għadma" u/jew "immaturat". Jekk iffriżat, indika d-data tal-iffriżar (xx/ss) tal-qatgħat/biċċiet.

Parti II:

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) L-esklużjoni ta' dħul ta' demm frisk fl-Unjoni li mhuwiex permess minnu f'konformità mal-Artikolu 130 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692.

(3) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma"

(2) Il-Kapitoli 24, 25 u 26 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"KAPITOLU 24

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PREPARATI tal-laħam MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL MP-PREP)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="4"></td><td colspan="4">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="16">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="3">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td colspan="2">Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a</td><td>Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td colspan="3"></td><td>I.3</td><td colspan="2">Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="2">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td colspan="3"></td><td>I.4</td><td colspan="2">Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="3">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="4">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="3">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="3">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="3">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td></td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u ħin tat-tluq</td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">I.15</td><td colspan="3" rowspan="2">Mezz tat-trasport
☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment
☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td colspan="2" rowspan="2"></td><td>I.16</td><td colspan="4">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td>I.17</td><td colspan="4">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="3">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td colspan="2">☐ Ambjentali</td><td colspan="2">☐ Imkessaħ</td><td colspan="2">☐ Iffriżat</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="3">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur</td><td colspan="2"></td><td colspan="4">Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="3">Iċċertifikat bħala jew għal</td><td colspan="2"></td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td><td colspan="2"></td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="3">☐ Għat-tranżitu
Pajjiż terz</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="4">☐ Għas-suq intern</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td colspan="2"></td><td>I.23</td><td colspan="4"></td></tr>
</table>

I.24 Għadd totali ta' imballaġġi		I.25 Kwantità totali		I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)	
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna					
Kodiċi CN	Speċi				
	Maħżen kiesaħ		Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
☐ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura			

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MP-PREP**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | **II.a Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b Referenza tal-IMSOC**

(2) [**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-preparati tal-laħam*)

Il-preparati tal-laħam (1) fihom il-kostitwenti tal-laħam li ġejjin u jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

Speċi (A) Oriġini (B)

_____ _____

(A) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċijiet rilevanti ta' laħam li jinsabu fil-preparati tal-laħam fejn BOV = annimali bovini domestiċi (inklużi l-ispeċijiet *Bison* u *Bubalus* u r-razez inkroċjati tagħhom); OVI = nagħaġ domestiku (*Ovis aries*) u mogħoż domestiku (*Capra hircus*); EQU = solipedi domestiċi (*Equus caballus*, *Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom); POR = annimali porċini domestiċi; RM = fniek imrobbija; POU = pollam minbarra ratiti; RAT = ratiti; RUF = annimali tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; RUW = annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi; SUF = annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; SUW = annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; EQW = solipedi tal-kaċċa selvaġġi li jappartjenu għas-subġeneru *Hippotigris* (Żebra); WL = *leporidae* selvaġġi; GBM = għasafar tal-kaċċa; WM = mammiferi terrestri selvaġġi minbatta ungulati u *leporidae.*

(B) Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż jew territorju ta' oriġini u, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-kostitwenti tal-laħam rilevanti, ir-reġjun.

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u niċċertifika li l-preparati tal-laħam deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. ġejjin minn stabbilimenti li japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjati regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkati bħala stabbilimenti approvati mill-Unjoni;

II.1.2. (2) *jew* [l-annimali li minnhom ġie derivat il-laħam frisk (3) użat fil-preparazzjoni tal-preparati tal-laħam għaddew minn spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem*;]

(2) *jew* [l-annimali tal-kaċċa selvaġġi li minnhom ġie derivat il-laħam frisk (3) użat fil-preparazzjoni tal-preparati tal-laħam għaddew minn spezzjoni *post mortem*;]

II.1.3. ġew prodotti f'konformità mat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżati għal temperatura interna ta' mhux aktar minn -18 °C;

II.1.4. huma f'pakketti li ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.5. huma f'imballaġġ li t-tikketta/i mwaħħla/mwaħħlin fuqu fiha/fihom marka ta' identifikazzjoni li tindika li l-preparati tal-laħam ġew manifatturati minn materja prima miksuba esklużivament f'biċċeriji, stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti li jipproduċu laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u laħam separat mekkanikament, approvati għad-dħul fl-Unjoni;

II.1.6. jissodisfaw il-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005;

II.1.7. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali u l-prodotti tagħhom previsti fil-pjan ta' kontroll sottomess f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292, u l-pajjiż terz jew reġjun tiegħu tal-oriġini tagħhom huwa elenkat fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkat b'"X" għall-kategorija kkonċernata ta' annimali u prodotti tagħhom;

II.1.8. ġew maħżuna u ttrasportati f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.9. ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsimiet I sa IV tal-Anness III tar-

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MP-PREP**

	Regolament (KE) Nru 853/2004; b'mod partikolari li:
	(2) [II.1.9.1. inkisbu mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375, u li, b'mod partikolari:
	(2) *jew* [kien soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]]]
	(2) *u/jew* [ġie soġġett għal trattament ta' ffriżar f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]]
	(2) (10) *u/jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi li jkunu ġejjin minn azjenda jew kategorija ta' azjendi uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti bħala li qed japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]]
	(2) (10) *u/jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi mhux miftuma u li għandhom inqas minn 5 ġimgħat;]]]
	(2) [II.1.9.2. inkisbu mil-laħam ta' solipedi jew mil-laħam taċ-ċingjal li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 u li, b'mod partikolari, ġie soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]]
	(2) [II.1.10. fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, u fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE),
	(2) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u
	(2) *jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam twieldu, trabbew kontinwament u ġew skarnati f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]]]]
	(2) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam, joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm mill-inqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u l-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]]]]
	(2) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u: (a) il-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) il-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini; (c) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]]]]
	(2) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u: (a) il-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) il-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini; (c) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (d) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefinit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali; (e) il-preparati tal-laħam kienu prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MP-PREP**

	fihomx u ma ġewx ikkontaminati b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]] (2) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u: (a) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (b) il-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn: (i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini; (2) *jew* [(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]]]] (2) *u/jew* [(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u: (i) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefinit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali; (ii) il-preparati tal-laħam kienu prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminati b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]] (2) *jew* [il-pajjiż jew reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun b'riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u: (a) l-annimali li minnhom huma derivati l-preparati tal-laħam ma ġewx: (i) skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali jew maqtula bl-istess mod jew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal fil-forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (ii) mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali; (b) il-preparati tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn: (i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini; (iii) tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]] (2) [II.1.11. fihom materjal minn solipedi domestiċi u l-laħam frisk użat fil-preparazzjoni tagħhom inkiseb minn solipedi domestiċi li nżammu għal ħajjithom kollha bħala annimali ekwini li jipproduċu l-ikel f'pajjiż terz jew territorju elenkat għall-annimali ekwini fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkati b'"X" għall-kategorija "ekwini", jew fi Stat Membru, li fih l-amministrazzjoni lis-solipedi domestiċi ta': (i) is-sustanzi elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 hija pprojbita; (ii) sustanzi tirostatiċi, stilbeni, derivattivi tas-stilbeni, l-imlieħ u l-esteri tagħhom, estradjol 17β u d-derivattivi tiegħu li jixbhu l-esteri hija pprojbita; (iii) sustanzi oħrajn li għandhom azzjoni estroġenika, androġenika jew ġestaġenika u ta' betaagonisti hija permessa biss għal: (1) *jew* [trattament terapewtiku, kif iddefinit fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), tad-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE, meta jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva;]]

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MP-PREP**

(1) *u/jew* [trattament żootekniku kif iddefinit fl-Artikolu 1(2), il-punt (c), tad-Direttiva 96/22/KE, meta jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva;]]

(2) [II.1.12. (2) (4) *jew* [jekk fihom materjal minn cervidae mrobbija, fihom jew huma derivati esklużivament minn laħam, eskluż il-ġewwieni u x-xewka tad-dahar, ta' annimali ċervidi mrobbija li ġew eżaminati għall-marda tat-tnewwin kroniku permezz ta' istopatoloġija, immunoistokimika jew metodu djanjostiku ieħor rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti b'riżultati negattivi u mhumiex derivati minn annimali li ġejjin minn merħla fejn il-marda tat-tnewwin kroniku ġiet ikkonfermata jew hija uffiċjalment issuspettata.]]]

(2) (5) *jew* [jekk fihom materjal minn cervidae selvaġġi, fihom jew huma derivati esklużivament minn laħam, eskluż il-ġewwieni u x-xewka tad-dahar, ta' annimali ċervidi selvaġġi li ġew eżaminati għall-marda tat-tnewwin kroniku permezz ta' istopatoloġija, immunoistokimika jew metodu djanjostiku ieħor rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti b'riżultati negattivi u mhumiex derivati minn annimali li ġejjin minn reġjun fejn il-marda tat-tnewwin kroniku ġiet ikkonfermata fl-aħħar 3 snin qabel id-data ta' ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jew hija uffiċjalment issuspettata.]]]

(2) (11) [**II.1a. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-preparati tal-laħam*)

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li jien konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u b'dan niċċertifika li l-preparati tal-laħam deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari, li l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam ma ngħatawx prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u li joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598.]

(2) [**II.2.Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali** (*Ħassar meta l-preparati tal-laħam huma magħmula kompletament mil-laħam ta' solipedi domestiċi (Equus caballus, Equus asinus u r-razez inkroċjati tagħhom), solipedi tal-kaċċa selvaġġi li jappartjenu għas-subġeneru Hippotigris (Żebra), leporidae selvaġġi jew mammiferi terrestri selvaġġi għajr ungulati u leporidae*)

Il-**preparati tal-laħam** deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġew ippreparati u dispaċċati minn

(1) *jew* [iż-**żona** bil-kodiċi _____ (6) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' **laħam frisk** tal-ispeċijiet deskritti fil-punt II.2.2 li minnhom inkiseb il-laħam frisk u elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk tal-ungulati jew fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, u l-preparati tal-laħam fihom biss laħam frisk miksub fi]

(1) (7) *jew* [iż-**żona** bil-kodiċi _____ (8) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali hija awtorizzata għat-tranżitu mill-Unjoni ta' **laħam frisk** tal-ispeċijiet deskritti fil-punt II.2.2 li minnhom nkiseb il-laħam frisk maħsub għal destinazzjoni barra mill-Unjoni u hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk ta' dawk l-ispeċijiet, u l-preparati tal-laħam fihom biss laħam frisk miksub fi]

(1) *jew* [l-istess żona bħaż-żona tal-preparazzjoni u tad-dispaċċ;]

(1) *jew* [iż-żona/i bil-kodiċi(jiet) _____ (6) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-ispeċijiet li minnhom inkiseb il-laħam frisk u elenkati fi

(1) *jew* [il-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk tal-ungulati;]]

(1) *jew* [il-Parti 1, it-Taqsima B, tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa;]]

(1) *jew* [l-Istati Membri;]

II.2.2. fihom biss laħam frisk li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk stabbiliti fil-mudell taċ-ċertifikat rilevanti (9), tal-ispeċijiet li ġejjin: [annimali bovini domestiċi,] (2) [annimali ovini domestiċi,] (2) [annimali kaprini domestiċi,] (2) [annimali porċini

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MP-PREP**

domestiċi,] (2) [pollam minbarra ratiti,] (2) [ratiti,] (2) [annimali tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija,] (2) [annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi,] (2) [annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*,] (2) [annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*,] (2) [għasafar tal-kaċċa,] (2) u għalhekk eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni bħala tali.]

(2) [**II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali*)

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-preparati tal-laħam (1) deskritti fil-Parti I huma derivati minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew mill-inqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.]

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' preparati tal-laħam (kif iddefiniti fil-punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) ippreparati minn laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi (inklużi l-ispeċijiet *Bison* u *Bubalus* u r-razez inkroċjati tagħhom), annimali ovini domestiċi, annimali kaprini domestiċi, solipedi domestiċi (*Equus caballus*, *Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom), annimali porċini domestiċi, fniek imrobbija, pollam minbarra ratiti, ratiti, annimali tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija, annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi, annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*, annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*, solipedi tal-kaċċa selvaġġi li jappartjenu għas-subġeneru *Hippotigris* (Żebra), leporidae selvaġġi, għasafar tal-kaċċa, u mammiferi terrestri selvaġġi minbarra ungulati u leporidae, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali għal dawn il-preparati tal-laħam.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.7: Isem il-pajjiż tal-oriġini li għandu jkun l-istess bħall-pajjiż tad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

Kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (inġenju tal-ajru) jew l-isem (tal-bastiment). Fil-każ tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur għandu jinforma lill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa ta' referenza I.18: Iffriżati tikkorrispondi għal temperatura interna ta' mhux aktar minn -18 °C.

Kaxxa ta' referenza I.19: Fil-każ ta' kontejners jew ta' kaxex, għandhom jiġu inklużi n-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

Kaxxa ta' referenza I.27: "Kodiċi NM": Indika l-kodiċi(jiet) xieraq/xierqa tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali taħt l-intestaturi li ġejjin: 0207, 0210, 1601 jew 1602.

"Speċi": Agħżel fost l-ispeċijiet deskritti fil-Parti II (A).

"Tip ta' trattament": Żmien tal-ħżin (jj/xx/ssss).

"Maħżen imkessaħ": Jekk hemm bżonn, agħti l-indirizz(i) u n-numru/i tal-approvazzjoni tal-imħażen kiesħa approvati.

"Biċċerija": Biċċerija jew stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa.

Parti II:

(1) "Preparati tal-laħam" kif iddefinit fil-punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(3) "Laħam frisk" kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MP-PREP**

	(4) Applikabbli meta l-laħam ikun inkiseb minn pajjiż imsemmi fil-Kapitolu F, il-punt 1, tal-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. (5) Applikabbli meta l-laħam ikun inkiseb minn pajjiż imsemmi fil-Kapitolu F, il-punt 2, tal-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. (6) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk tal-ungulati jew f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima B, tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa. (7) Applikabbli biss għall-kunsinni li jgħaddu mill-Unjoni u li jkunu maħsuba għal destinazzjoni barra mill-Unjoni, li joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bħala awtorizzati għat-tranżitu mill-Unjoni ta' laħam frisk tal-ungulati jew laħam frisk tal-pollam jew tal-għasafar tal-kaċċa akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jikkorrispondi għal dan il-mudell taċ-ċertifikat f'konformità mal-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (8) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (9) Mudelli taċ-ċertifikati previsti fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235: mudell BOV għal-laħam frisk tal-annimali bovini domestiċi; mudell OVI għal-laħam frisk tal-annimali ovini u kaprini domestiċi; mudell POR għal-laħam frisk tal-annimali porċini domestiċi; mudell RUF għal-laħam frisk ta' annimali tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; mudell RUW għal-laħam frisk tal-annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi; mudell SUF għal-laħam frisk ta' annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; mudell SUW għal-laħam frisk ta' annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; mudell POU għal-laħam frisk tal-pollam minbarra ratiti; mudell RAT għal-laħam frisk tar-ratiti; mudell GBM għal-laħam frisk tal-għasafar tal-kaċċa. (10) Id-deroga għal annimali porċini domestiċi li jiġu minn azjenda jew kategorija ta' azjendi rikonoxxuti uffiċjalment li japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni, tista' tiġi applikata biss fil-pajjiżi elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375. (11) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.
	Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma

KAPITOLU 25

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAL-LAĦAM MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, inklużi xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati minbarra l-budellati, LI MHUMIEX MEĦTIEĠA LI JSIRILHOM TRATTAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU (MUDELL MPNT)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**			
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**		**KODIĊI QR**
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u hin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**		
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż kummerċjali		
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessaħ		☐ Iffriżat	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill			
	I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**					
		☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem					
	I.21	☐ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.22**	☐ **Għas-suq intern**		
				I.23			

I.24	**Għadd totali ta’ imballaġġi**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett totali/piż gross (kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi CN	Speċi				
	Maħżen kiesaħ			Tip ta’ imballaġġ	Piż nett
Biċċerija	Tip ta’ trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta’ imballaġġi	Nru tal-lott
☐ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura		

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPNT**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b** **Referenza tal-IMSOC**

(1) [**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-prodotti tal-laħam*)

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-laħam (2), inklużi xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati minbarra l-budellati, deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. ġejjin minn stabbilimenti li japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjati regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkati bħala stabbilimenti approvati mill-Unjoni;

II.1.2. (1) *jew* [l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam għaddew mill-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem*;]

(1) *jew* [il-kaċċa selvaġġa li minnha ġew derivati l-prodotti tal-laħam għaddiet mill-ispezzjoni *post mortem*;]

II.1.3. ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsimiet I sa VI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.4. huma f'pakketti li ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.5. huma f'imballaġġ li t-tikketta/i mwaħħla/mwaħħlin fuqu fiha/fihom marka ta' identifikazzjoni li tindika li l-prodotti tal-laħam ġew manifatturati minn materja prima miksuba esklużivament f'biċċeriji, stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti li jipproduċu laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u laħam separat mekkanikament, approvati għad-dħul fl-Unjoni;

II.1.6. jissodisfaw il-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005;

II.1.7. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali u l-prodotti tagħhom previsti fil-pjan ta' kontroll sottomess f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292, u l-pajjiż terz jew reġjun tiegħu tal-oriġini tagħhom huwa elenkat fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkat b'"X" għall-kategorija kkonċernata ta' annimali u prodotti tagħhom;

II.1.8. jinsabu f'mezz ta' trasport u tgħabbew f'kundizzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni;]

(1) [II.1.9.1. inkisbu mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375, u li b'mod partikolari:

(1) *jew* [kien soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]]]

(1) *u/jew* [ġie soġġett għal trattament ta' ffriżar f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]]

(1) (11) *u/jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi li jkunu ġejjin minn azjenda jew kategorija ta' azjendi uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti bħala li qed japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]]

(1) (11) *u/jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi mhux miftuma u li għandhom inqas minn 5 ġimgħat;]]]

(1) [II.1.9.2. inkisbu mil-laħam ta' solipedi jew taċ-ċingjal li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 u li, b'mod partikolari, ġie soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]]

(1) [II.1.9.3. huma stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati u estratti tal-laħam prodotti f'konformità mat-Taqsima XIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]]

(1) [II.1.9.4. huma xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ prodotti f'konformità mat-Taqsima XII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]]

(1) [II.1.10. fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, u fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE),

(1) *jew* [il-pajjiż jew reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPNT**

Kummissjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u:

(1) *jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam twieldu, trabbew kontinwament u ġew skarnati f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]]]]

(1) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm mill-inqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u l-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]]]]

(1) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u:

(a) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]]]]

(1) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u:

(a) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(d) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(e) il-prodotti tal-laħam kienu prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminati b'tessuti nervuži u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]]

(1) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u:

(a) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(1) *jew* [(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]]]]

(1) *u/jew* [(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPNT**

pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u:

(i) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(ii) il-prodotti tal-laħam kienu prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminati b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]]

(1) *jew* [il-pajjiż jew reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun b'riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u:

(a) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx:

(i) skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali jew maqtula bl-istess mod jew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal fil-forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]]

(1) [II.1.11. fihom materjal minn solipedi domestiċi u l-laħam frisk użat fil-preparazzjoni tagħhom inkiseb minn solipedi domestiċi li nżammu għal ħajjithom kollha bħala annimali ekwini li jipproduċu l-ikel f'pajjiż terz jew territorju elenkat għall-annimali ekwini fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkati b'"X" għall-kategorija "ekwini", jew fi Stat Membru, li fih l-amministrazzjoni lis-solipedi domestiċi ta':

(i) is-sustanzi elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 hija pprojbita;

(ii) sustanzi tirostatiċi, stilbeni, derivattivi tas-stilbeni, l-imlieħ u l-esteri tagħhom, estradjol 17β u d-derivattivi tiegħu li jixbhu l-esteri hija pprojbita;

(iii) sustanzi oħrajn li għandhom azzjoni estroġenika, androġenika jew ġestaġenika u ta' betaagonisti hija permessa biss għal:

(1) *jew* [trattament terapewtiku, kif iddefinit fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), tad-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE, meta jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva;]]

(1) *u/jew* [trattament żootekniku kif iddefinit fl-Artikolu 1(2), il-punt (c), tad-Direttiva 96/22/KE, meta jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva;]]

(1) [II.1.12. (1) (12) *jew* [jekk fihom materjal minn cervidae mrobbija, fihom jew huma derivati esklużivament minn laħam, eskluż il-ġewwieni u x-xewka tad-dahar, ta' annimali ċervidi mrobbija li ġew eżaminati għall-marda tat-tnewwin kroniku permezz ta' istopatoloġija, immunoistokimika jew metodu djanjostiku ieħor rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti b'riżultati negattivi u mhumiex derivati minn annimali li ġejjin minn merħla fejn il-marda tat-tnewwin kroniku ġiet ikkonfermata jew hija uffiċjalment issuspettata.]]]

(1) (13) *jew* [jekk fihom materjal minn cervidae selvaġġi, fihom jew huma derivati esklużivament minn laħam, eskluż il-ġewwieni u x-xewka tad-dahar, ta' annimali ċervidi selvaġġi li ġew eżaminati għall-marda tat-tnewwin kroniku permezz ta' istopatoloġija, immunoistokimika jew metodu djanjostiku ieħor rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti b'riżultati negattivi u mhumiex derivati minn annimali li ġejjin minn reġjun fejn il-marda tat-tnewwin kroniku ġiet ikkonfermata fl-aħħar 3 snin qabel id-data ta' ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jew hija uffiċjalment issuspettata.]]]

(1) (14) [**II.1a. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-prodotti tal-laħam*)

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li jien konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPNT**

Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-laħam, inklużi xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini trattati għajr il-budellati deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari, li l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam ma ngħatawx prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u li joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598.]

(1) [**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali** (*Ħassar meta l-prodotti tal-laħam ikunu derivati kompletament mil-laħam ta' solipedi domestiċi (Equus caballus, Equus asinus u r-razez inkroċjati tagħhom*); *solipedi tal-kaċċa selvaġġi tas-subġenus Hippotigris (Żebra); leporidae selvaġġi; jew mammiferi terrestri selvaġġi għajr ungulati u leporidae*)

Il-**prodotti tal-laħam**, inklużi xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, estratti tal-laħam, stonkijiet, vexxiki u intestini trattati minbarra l-budellati, deskritti fil-Parti I:

(1) *jew* [II.2.1. ġew ipproċessati u dispaċċati miż-**żona** bil-kodiċi _____ (3), li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, hija:

(a) awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-ispeċijiet ta' annimali li minnhom ġew ipproċessati l-prodotti tal-laħam deskritti fil-Parti I u elenkati fi

(1) *jew* [il-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404, fil-każ ta' laħam frisk tal-ungulati;]

(1) *jew* [il-Parti 1, it-Taqsima B, tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fil-każ tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa;]

(b) elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni tal-prodotti tal-laħam deskritti fil-Parti I taħt it-trattament mhux speċifiku "A";]

(1) (4) *jew* [II.2.1. ġew ipproċessati u dispaċċati miż-**żona** bil-kodiċi _____ (5), li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali hija awtorizzata għat-tranżitu mill-Unjoni ta' prodotti tal-laħam tal-ispeċijiet ta' annimali bil-kodiċi(jiet) _____ (6) maħsuba għal destinazzjoni barra mill-Unjoni, u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404;]

II.2.2. ġew ipproċessati minn laħam frisk mill-**ispeċijiet ta' annimali** bil-kodiċi(jiet) _____ _____ (6);

II.2.3. ġew ipproċessati minn laħam frisk li għadda minn trattament mhux speċifiku (7);

II.2.4. ġew ipproċessati minn laħam frisk li kien konformi mar-rekwiżiti rilevanti kollha għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u, għalhekk, kien eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni bħala tali u nkiseb minn annimali li kkonformaw mal-perjodu ta' residenza fi stabbilimenti li jinsabu fi

(1) *jew* [iż-żona msemmija fil-punt II.2.1;]

(1) *jew* [iż-żona/i bil-kodiċi(jiet) _____ (8) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-ispeċijiet li minnhom ġew ipproċessati l-prodotti tal-laħam u hija/huma elenkata/i fi

(1) (9) *jew* [il-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404;]]

(1) *jew* [il-Parti 1, it-Taqsima B, tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404;]]

(1) *jew* [l-Istati Membri;]

II.2.5. ġew ipproċessati minn laħam frisk miksub minn

(1) *jew* [annimali miżmuma fi stabbilimenti li ma kinux soġġetti għal miżuri ta' restrizzjoni nazzjonali għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi tal-oriġini u l-mard emerġenti fil-ħin tad-dispaċċ tal-annimali lejn il-biċċerija, u fihom u madwarhom, f'żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, dan il-mard ma ġiex irrapportat matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali;]

(1) *jew* [annimali selvaġġi li joriġinaw minn post li ġo fih u madwaru l-ebda waħda mill-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi ta' oriġini tal-prodotti tal-laħam f'konformità mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 ma ġiet irrapportata matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-qtil tal-

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPNT**

annimali;]

II.2.6. wara l-ipproċessar, ġew immaniġġjati sal-imballaġġ b'mod li jipprevjeni l-kontaminazzjoni inkroċjata li tista' tintroduċi riskju għas-saħħa tal-annimali.]

(1) (10) [II.2.7. huma maħsuba għal Stat Membri jew żoni tagħhom li ngħataw l-istatus ta' ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u ġew ipproċessati minn laħam frisk miksub minn pollam li ma ngħatax tilqim kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċin ħaj matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tal-iskarnar tal-annimali.]]

(1) [**II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali*)

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-laħam deskritti fil-Parti I huma derivati minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qtil jew mill-inqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.]

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam li ġejjin minn żoni awtorizzati sabiex idaħħlu laħam frisk tal-ispeċijiet rilevanti u, għalhekk, mhumiex meħtieġa jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dan il-prodott tal-laħam.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.27: "Biċċerija": Biċċerija jew stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa.

Parti II:

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) "Prodotti tal-laħam" kif iddefinit fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Applikabbli biss għall-kunsinni li jgħaddu mill-Unjoni u li jkunu maħsuba għal destinazzjoni barra mill-Unjoni, li joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bħala awtorizzati għat-tranżitu mill-Unjoni ta' prodotti tal-laħam tal-ispeċijiet rilevanti akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jikkorrispondi għal dan il-mudell taċ-ċertifikat f'konformità mal-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) BOV = annimali bovini domestiċi; OVI = annimali ovini u annimali kaprini domestiċi; POR = annimali porċini domestiċi; RUF = annimali tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; RUW = annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (minbarra annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi; SUF = annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; SUW = annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; POU = pollam minbarra ratiti; RAT = ratiti; GB = għasafar tal-kaċċa.

(7) Dan jista' jiġi ċċertifikat biss meta t-trattament "A" jkun assenjat fil-Parti 1 tal-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għall-ispeċijiet ta' oriġini tal-laħam frisk u għaż-żona msemmija fil-punt II.2.1.

(8) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII jew il-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima B, tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(9) Mhux għaż-żoni elenkati b'kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-maturazzjoni, tal-pH jew tad-dissussar

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPNT**

	fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (10) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-kunsinni maħsuba għal Stati Membri jew żoni tagħhom li jkunu ngħataw l-istatus ta' ħielsa mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/689. (11) Id-deroga għal annimali porċini domestiċi li jiġu minn azjenda jew kategorija ta' azjendi rikonoxxuti uffiċjalment li japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni, tista' tiġi applikata biss fil-pajjiżi elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375. (12) Applikabbli meta l-laħam ikun inkiseb minn pajjiż imsemmi fil-Kapitolu F, il-punt 1, tal-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. (13) Applikabbli meta l-laħam ikun inkiseb minn pajjiż imsemmi fil-Kapitolu F, il-punt 2, tal-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. (14) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.
	Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma

KAPITOLU 26

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAL-LAĦAM MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, inklużi xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati minbarra l-budellati, LI HUMA MEĦTIEĠA LI JSIRILHOM TRATTAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU (MUDELL MPST)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini** / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.8	**Reġjun tal-oriġini** / Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** / Kodiċi	
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessaħ	☐ Iffriżat	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur / Nru tas-siġill				
	I.20	**Iċċertifikat għala jew għal**				
		☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
	I.21	**☐ Għat-tranżitu** Pajjiż terz / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.22**	**☐ Għas-suq intern**	
				I.23		

I.24 Għadd totali ta' imballaġġi		I.25 Kwantità totali		I.26 Piż nett totali/piż gross (kg)	
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna					
Kodiċi CN	Speċi				
	Maħżen kiesaħ		Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' imballaġġi		Nru tal-lott
☐ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura			

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPST**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

(1) [**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-prodotti tal-laħam*)

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-laħam (2), inklużi xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ, estratti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati minbarra l-budellati, deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. ġejjin minn stabbilimenti li japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjati regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkati bħala stabbilimenti approvati mill-Unjoni;

II.1.2. (1) *jew* [l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam għaddew mill-ispezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem*;]

(1) *jew* [il-kaċċa selvaġġa li minnha ġew derivati l-prodotti tal-laħam għaddiet mill-ispezzjoni *post mortem*;]

II.1.3. ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsimiet I sa VI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.4 huma f'pakketti li ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.5. huma f'imballaġġ li t-tikketta/i mwaħħla/mwaħħlin fuqu fiha/fihom marka ta' identifikazzjoni li tindika li l-prodotti tal-laħam ġew manifatturati minn materja prima miksuba esklużivament f'biċċeriji, stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa, impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti li jipproduċu laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u laħam separat mekkanikament, approvati għad-dħul fl-Unjoni;

II.1.6. jissodisfaw il-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005;

II.1.7. jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali u l-prodotti tagħhom previsti fil-pjan ta' kontroll sottomess f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292, u l-pajjiż terz jew reġjun tiegħu tal-oriġini tagħhom huwa elenkat fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkat b'"X" għall-kategorija kkonċernata ta' annimali u prodotti tagħhom;

II.1.8. jinsabu f'mezz ta' trasport u tgħabbew f'kundizzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni.]

(1) [II.1.9.1. inkisbu mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375, u li b'mod partikolari:

(1) *jew* [kien soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]]]

(1) *u/jew* [ġie soġġett għal trattament ta' ffriżar f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]]

(1) (12) *u/jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi li jkunu ġejjin minn azjenda jew kategorija ta' azjendi uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti bħala li qed japplikaw kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]]

(1) (12) *u/jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi mhux miftuma u li għandhom inqas minn 5 ġimgħat;]]]

(1) [II.1.9.2. jinkisbu mil-laħam ta' solipedi jew taċ-ċingjal li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 u li, b'mod partikolari, ġie soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]]

(1) [II.1.9.3. huma stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati u estratti tal-laħam prodotti f'konformità mat-Taqsima

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPST**

	XIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.]] (1) [II.1.9.4. huma xaħmijiet tal-annimali mdewba u qrieqeċ prodotti f'konformità mat-Taqsima XII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.]] (1) [II.1.10. fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, u fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE), (1) *jew* [il-pajjiż jew reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u: (1) *jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam twieldu, trabbew kontinwament u ġew skarnati f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]]]] (1) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm mill-inqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u l-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]]]] (1) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u: (a) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini; (c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]]]] (1) *u/jew* [l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u: (a) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini; (c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (d) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali; (e) il-prodotti tal-laħam kienu prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminati b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]] (1) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u: (a) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPST**

				bl-istess metodu jew ġew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;
		[1] *jew*	[(b)	il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn:
			(i)	materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
			(ii)	laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]
		[1] *u/jew*	[(b)	il-prodotti tal-laħam fihom u huma derivati minn intestini ttrattati miġjuba minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u ġew skarnati f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]
		[1] *u/jew*	[(b)	il-prodotti tal-laħam fihom u huma derivati minn intestini ttrattati miġjuba minn annimali li joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm tal-anqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u:
			[1] *jew*	[(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet inforzata l-projbizzjoni fuq l-alimentazzjoni tar-ruminanti bi frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ derivati mir-ruminanti;]]
			[1] *u/jew*	[(ii) l-intestini ttrattati li joriġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]]
		[1] *jew*	[(c)	l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]]]]
		[1] *u/jew*	[(c)	l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u:
			(i)	l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;
			(ii)	il-prodotti tal-laħam kienu prodotti u mmaniġġjati b'mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminati b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]]]
	[1] *jew*	[il-pajjiż jew reġjun tal-oriġini tagħhom huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun b'riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u:		
			(a)	l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx:
			(i)	skarnati wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali jew maqtula bl-istess mod jew skarnati b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal fil-forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;
			(ii)	mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ derivati minn ruminanti, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;
		[1] *jew*	[(b)	il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn:
			(i)	materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
			(ii)	laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MPST**

	(iii) tessuti nervuži u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar.]]]]
	(1) *u/jew* [(b) il-prodotti tal-laħam fihom u huma derivati minn intestini ttrattati miġjuba minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u ġew skarnati f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]]]]
[1] *jew* [kien soġġett għal RT-PCR f'ħin reali għall-marda Afrikana taż-żwiemel[8], imwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjun tad-demm meħud fi __/___/____ (*jj/xx/ssss*) mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-introduzzjoni fl-istabbiliment protett mill-vetturi u mhux aktar minn 72 siegħa qabel id-dispaċċ tiegħu lejn l-Unjoni.]]

II.5. *Attestazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-trasport*

[1] [7] *jew* [II.5.1. L-annimal ekwin deskritt fil-Parti I huwa dispaċċat lejn l-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu assenjati lill-Grupp Sanitarju A, B, C, D, E jew G, u jkunu saru arranġamenti biex jiġi ttrasportat direttament lejn l-Unjoni, mingħajr ma l-annimal ikun soġġett għal xi operazzjoni ta' assemblaġġ u mingħajr ma jiġi f'kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jkunux konformi mill-inqas mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali.]

[1] [7] *jew* [II.5.1. L-annimal huwa dispaċċat lejn l-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu li jiġu assenjati lill-Grupp Sanitarju F u jkunu saru arranġamenti biex jiġi ttrasportat direttament mill-istabbiliment protett mill-vetturi u reżistenti għall-vetturi mingħajr ma jiġi f'kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jkunux konformi mill-inqas mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali

[1] *jew* [lejn l-ajruport f'kundizzjonijiet ta' protezzjoni mill-vetturi, u saru l-arranġamenti biex l-inġenju tal-ajru jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat minn qabel b'diżinfettant li huwa awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ.]]

[1] *jew* [lejn port tal-baħar f'dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu f'kundizzjonijiet protetti mill-vetturi u jkunu saru l-arranġamenti biex jiġi ttrasportat fuq bastiment li huwa skedat direttament lejn port fl-Unjoni mingħajr ma jidħol f'port li jinsab f'pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu mhux approvati għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini, fi stalel li jkunu tnaddfu u ġew iddiżinfettati minn qabel b'diżinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ.]]

II.5.2. Ikunu saru u ġew ivverifikati arranġamenti biex jiġi evitat kull kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jikkonformawx ma' mill-inqas l-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali matul il-perjodu mid-data taċ-ċertifikazzjoni sad-data tad-dispaċċ tal-annimal lejn l-Unjoni.

II.5.3. Il-vetturi jew il-kontejners tat-trasport li fihom ikunu se jitgħabba l-annimal ikunu tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija tal-annimali għad-dispaċċ lejn l-Unjoni b'diżinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż terz jew fit-territorju tad-dispaċċ, u jkunu mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, il-mifrex jew l-għalf tal-annimali ma jkunux jistgħu joħorġu minnhom matul it-trasport.

[1] [9] [**II.6. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali*)

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimal ekwin deskritt fil-Parti I inżamm għall ħajtu kollha bħala annimal ekwin li jipproduċi l-ikel f'pajjiż terz jew territorju li jissodisfa l-garanziji previsti fil-pjan ta' kontroll sottomess u approvat f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 elenkat fl-Anness –I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-X**

	mmarkat b'"X" għall-kategorija "ekwini" jew fi Stat Membru fejn ma jkunx irċieva: (a) is-sustanzi projbiti elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010; (b) stilbeni jew sustanzi tirostatiċi; (c) sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).] (1) (9) (10) [**II.6a. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimali*) Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimal deskritt fil-Parti I ma ngħatax prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255, kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u li joriġina minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598.] **Noti:** Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimal ekwin, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-annimal. F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235. **Parti I**: Kaxxa ta' referenza I.6: Ipprovdi l-informazzjoni dwar l-operatur responsabbli għall-annimal. Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tal-pajjiż jew tat-territorju jew taż-żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404. Kaxxa ta' referenza I.27: "Sistema ta' identifikazzjoni": L-annimali għandu jiġi identifikat b'mod individwali b'wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, jew jiġi identifikat permezz ta' metodu alternattiv sakemm dan jiġi rreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) tal-annimal kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni u l-post anatomiku użat fuq l-annimal. Jekk l-annimal ikollu passaport, għandhom jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu. **Parti II:** (1) Ħassar jekk mhux applikabbli. (2) Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jinħareġ fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tal-wasla tal-kunsinna fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera; fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-perjodu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għad-durata tal-vjaġġ bil-baħar. Id-dħul fl-Unjoni ma għandux ikun permess meta l-annimal ikun tgħabba jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni mill-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu rispettivi, msemmija fil-punt II.2.1., jew inkella matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra d-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini minn dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu. Ivverifika mal-kolonni 8 u 9 tat-tabella tal-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (3) Il-kodiċi tal-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu u l-Grupp Sanitarju kif jidhru rispettivament fil-kolonni 2 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EQUI-X**

	(4) Testijiet għall-glanders, għas-surra, għad-durina, għall-anemija infettiva ekwina u għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela deskritti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għal Mard tal-Annimali Ekwini għajr il-marda Afrikana taż-żwiemel: https://sitesv2.anses.fr/en/minisite/equine-diseases/sop. (5) Iż-żona tal-pajjiż terz jew tat-territorju awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni kif jidhru rispettivament fil-kolonni 2 u 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (6) Awtorizzati biss jekk il-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ ikun assenjat lill-Grupp Sanitarju G. (7) Id-dikjarazzjonijiet li jirrigwardjaw kompletament u esklussivament Grupp Sanitarju differenti mill-Grupp Sanitarju li lilu jiġu assenjati l-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, jistgħu jitħallew barra, diment li tinżamm in-numerazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sussegwenti. (8) Testijiet għall-marda Afrikana taż-żwiemel deskritti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda Afrikana taż-żwiemel: https://www.mapa.gob.es/en/ganaderia/temas/laboratorios-sanidad-genetica/referencia-ue/ . (9) Jekk jitħassar dan il-punt, l-annimal ekwin, jekk ikun maħsub għal ċirkolazzjoni libera f'konformità mal-proċeduri doganali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġi eskluż mill-iskarnar għall-konsum mill-bniedem fid-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali. (10) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.
	Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma

Dikjarazzjoni mill-operatur responsabbli għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinna ta' annimal ekwin

Identifikazzjoni tal-annimal [1]

Speċi (isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Sess
_____	_____	_____	_____	_____

Jiena, l-operatur sottoskritt tal-annimal ekwin deskritt hawn fuq, b'dan qed niddikjara li:

(a) l-annimal ekwin

[2] *jew* [baqa' fi _____ (*daħħal l-isem tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni*) matul mill-inqas 40 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, jew mit-twelid, jew inkella mid-dħul minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew min-Norveġja;]

[2] *jew* [daħal fi …….. (*daħħal l-isem tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni*) matul il-perjodu ta' residenza meħtieġ ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni:

(i) fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*) minn _____ (*daħħal l-isem tal-pajjiż terz jew territorju minn fejn l-annimal ekwin daħal fil-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni*)

(ii) fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*) minn _____ (*daħħal l-isem tal-pajjiż terz jew territorju minn fejn l-annimal ekwin daħal fil-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni*)

(iii) fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*) minn _____ (*daħħal l-isem tal-pajjiż terz jew territorju minn fejn l-annimal ekwin daħal fil-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni*);]

(b) matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, l-annimal ekwin ma kienx f'kuntatt ma' annimali li jbatu minn mard infettiv jew li jittieħed trażmissibbli lill-annimali ekwini;

(c) il-kundizzjonijiet għar-residenza u l-iżolament qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni kif applikabbli f'konformità mal-punt II.3 taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ta' akkumpanjament għall-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni huma ssodisfati;

(d) il-kundizzjonijiet għat-trasport kif applikabbli f'konformità mal-punt II.5 taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ta' akkumpanjament għall-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni huma ssodisfati;

(e) Jiena konxju mir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-moviment ta' annimali ekwini minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għal ieħor stipulati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688;

(f) l-annimal ekwin huwa skedat li jitlaq mill-Unjoni Ewropea fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*) fil-post fil-fruntiera ta' _____ (*daħħal l-isem u l-post fil-fruntiera tal-ħruġ*) jew inkella jkun soġġett għar-regoli dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni applikabbli f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035.

L-isem u l-indirizz tal-operatur _____

Data _____ (*jj/xx/ssss*)

_____.

(*Firma*)

[1] Sistema ta' identifikazzjoni: L-annimali għandu jiġi identifikat b'mod individwali b'wieħed mill-mezzi ta' identifikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, jew jiġi identifikat permezz ta' metodu alternattiv sakemm dan jiġi rreġistrat fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) tal-annimal kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punt (b)(i), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, transponder) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.

Jekk l-annimal ikollu passaport, għandhom jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.

Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

Sess (M = maskili, F = femminili, K = kastrat).

[2] Ħassar jekk mhux applikabbli.

KAPITOLU 14

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI U MUDELL TAD-DIKJARAZZJONI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI EKWINI MAĦSUBA GĦALL-ISKARNAR (MUDELL "EQUI-Y")

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**			
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**		
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**		
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18						
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill			
	I.20	**Iċċertifikat għala jew għal** ☐ Skarnar					
	I.21			**I.22**	☐ **Għas-suq intern**		
				I.23			
I.24			**I.25**	**Kwantità totali**		**I.26**	
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**						
Kodiċi CN	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Kwantità	Biċċerija	

PAJJIŻ **EQUI-Y**

Dhul – annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar

	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. L-annimali ekwini [1] tal-kunsinna deskritta fil-Parti I:

II.1.1. huma maħsuba għall-iskarnar għall-konsum mill-bniedem u mhumiex maħsuba għall-iskarnar fil-qafas tal-eradikazzjoni ta' mard infettiv jew li jittieħed trażmissibbli lill-annimali ekwini;

II.1.2. ma wrewx sinjali jew sintomi tal-mard elenkat għall-annimali ekwini fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 matul l-eżami kliniku mwettaq fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*) [2], data li għandha tkun fl-aħħar 24 siegħa qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni

[3] *jew* [mill-istabbiliment irreġistrat tal-oriġini fil-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ;]

[3] *jew* [mill-istabbiliment approvat għat-twettiq tal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tal-annimali ekwini mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ f'konformità mar-rekwiżiti mill-inqas stretti daqs dawk stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035;]

II.1.3. jissodisfaw ir-rekwiżiti attestati fil-punti II.2 sa II.6 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, inkluż fil-każ ta' dispaċċ minn stabbiliment approvat għal operazzjonijiet ta' assemblaġġ;

II.1.4. huma akkumpanjati minn dikjarazzjoni bil-miktub, iffirmata mill-operatur responsabbli għall-kunsinna tal-annimali, li hija mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali.

II.2. *Attestazzjoni fuq pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu u stabbiliment tad-dispaċċ*

II.2.1. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati minn _____ (*daħħal l-isem tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu*), pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu l-kodiċi __-__ [4] u huwa assenjat lill-Grupp Sanitarju ____ [4].

II.2.2. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu fejn ma kien hemm l-ebda evidenza klinika, seroloġika (f'annimali ekwini mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni u ma kien hemm l-ebda tilqim kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.

II.2.3. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ġejjin minn stabbiliment tal-oriġini li jinsab f'pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu fejn

[3] *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) matul l-aħħar 36 xhur qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

[3] *jew* [ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) rikonoxxut mill-Unjoni [2] matul l-aħħar 36 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u

[3] *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar 36 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

[3] *jew* [tkun ġiet irrapportata l-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar 36 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-

PAJJIŻ **EQUI-Y**

Dhul – annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar

	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**

kunsinna lejn l-Unjoni u wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(3) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test tal-fissazzjoni tal-komplement għall-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) (5), imwettaq, b'riżultati negattivi, f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 5, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu l-annimali infettati.]]]

(3) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered l-aħħar annimal ekwin, u l-istabbiliment tnaddaf u ġie diżinfettat.]]]

II.2.4. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ġejjin minn stabbiliment tal-oriġini li jinsab f'pajjiż jew territorju, jew żona tiegħu fejn

(3) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) *jew* [ikun twettaq programm ta' sorveljanza għas-surra rikonoxxut mill-Unjoni (2) matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u

(3) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda surra fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) *jew* [tkun ġiet irrapportata s-surra fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni u wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(3) *jew* [sad-data li fiha l-annimali li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku (ELISA) għal tripanosomjaži jew test tal-agglutinazzjoni tal-kard għal tripanosomjaži (CATT) f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 4(5) imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkun tneħħa l-aħħar annimal infettat mill-istabbiliment.]]]

(3) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal tal-ispeċi elenkata, u l-istabbiliment tnaddaf u ġie diżinfettat.]]]

II.2.5. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ġejjin minn stabbiliment tal-oriġini li jinsab f'pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu fejn

(3) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) *jew* [ikun twettaq programm ta' sorveljanza għad-durina rikonoxxut mill-Unjoni (2) matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u

(3) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda durina fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) *jew* [tkun ġiet irrapportata d-durina fl-istabbiliment tal-oriġini matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni u wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment

(3) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment, ħlief l-annimali ekwini maskili kastrati, ikunu ġew soġġetti għal test tal-fissazzjoni tal-komplement għad-durina, imwettaq b'riżultati negattivi f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 5(5) fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati, jew id-data li fiha jkunu ġew kastrati l-annimali ekwini maskili infettati kollha.]]]

PAJJIŻ **EQUI-Y**

Dhul – annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar

	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**
[(3) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data tat-tindif u tad-diżinfettar tal-istabbiliment, u wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment.]]]		
II.2.6. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ġejjin minn stabbiliment tal-oriġini li fih		
[(3) *jew* [ma tkun ġiet irrapportata l-ebda anemija infettiva ekwina matul l-aħħar 12 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]		
[(3) *jew* [tkun ġiet irrapportata l-anemija infettiva ekwina fl-istabbiliment matul l-aħħar 12 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni u wara l-aħħar tifqigħa l-istabbiliment ikun baqa' taħt restrizzjonijiet fuq il-moviment		
[(3) *jew* [sad-data li fiha l-annimali ekwini li jkun fadal fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test ta' immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew test ELISA (5) għall-anemija infettiva ekwina mwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 90 jum wara d-data li fiha jkunu nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati l-annimali infettati u l-istabbiliment tnaddaf u ġie diżinfettat.]]		
[(3) *jew* [għal mill-inqas 30 jum wara d-data li fiha jkun inqatel u nqered jew ġie skarnat l-aħħar annimal ekwin fl-istabbiliment, u wara li l-istabbiliment tnaddaf u ġie diżinfettat.]]		
II.2.7. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ġejjin minn stabbiliment tal-oriġini li fih:		
II.2.7.1. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni;		
II.2.7.2. ma tkun ġiet irrapportata l-ebda antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.		
II.2.8. Sa fejn naf jien u kif iddikjarat mill-operatur tal-kunsinna, l-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ma ġewx f'kuntatt ma' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati li ma kkonformawx mar-rekwiżiti msemmija fil-punti II.2.2 sa II.2.7.1 matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u mar-rekwiżit imsemmi fil-punt II.2.7.2 matul l-aħħar 15-il jum qabel id-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.		
II.3. *Attestazzjoni tar-residenza u tal-iżolament qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni*		
II.3.1. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I kienu residenti fil-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ matul l-aħħar 90 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.		
[(3) *jew* [II.3.2. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu assenjati lill-Grupp Sanitarju A, B, C, D jew G, u matul l-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ mill-istabbiliment tal-oriġini jkunu nżammu f'iżolament qabel l-esportazzjoni.]		
[(3) (6) *jew* [II.3.2. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu assenjati lill-Grupp Sanitarju E, u matul l-aħħar 40 jum qabel id-data tad-dispaċċ mill-istabbiliment tal-oriġini, ikunu nżammu		
[(3) *jew* [f'iżolament fi stabbiliment protett mill-vetturi.]]		
[(3) *jew* [fi stabbiliment tal-oriġini taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali, u l-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ huma rikonoxxuti mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) bħala uffiċjalment ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel.]]		
[(3) [II.3.3. Immedjatament qabel id-dispaċċ tagħhom mill-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ, l-annimali ekwini tal-kunsinna deskritta fil-Parti I ikunu nżammu fl-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ imsemmija fil-punt II.1.2.		

PAJJIŻ	EQUI-Y Dħul – annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar	
	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**

għal mhux aktar minn 6 ijiem wara d-data tad-dispaċċ mill-istabbilimenti tal-oriġini rispettivi tagħhom. Fl-istabbiliment approvat, li jikkonforma mar-rekwiżiti għall-istabbilimenti msemmija fil-punt II.2, l-annimali jkunu nżammu taħt kundizzjonijiet li jipproteġu b'mod effettiv l-istat tas-saħħa tagħhom u mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali ekwini li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti fil-punti II.2, II.3.1, II.3.2 u II.4 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali.]

II.4. *Attestazzjoni tat-tilqim u tat-testijiet tas-saħħa*

II.4.1. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ma tlaqqmux kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel fil-pajjiż, territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ u ma hemm l-ebda informazzjoni li tissuġġerixxi tilqim preċedenti.

II.4.2. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I ma tlaqqmux kontra l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela matul l-aħħar 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu li fih ma tkun ġiet irrapportata l-ebda enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.

(3) *jew* [II.4.3. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati mill-Iżlanda, li hija ċċertifikata bħala uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina, fejn kienu kontinwament residenti mit-twelid, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ekwini li daħlu fl-Iżlanda minn pajjiżi terzi jew territorji oħrajn.]

(3) *jew* [II.4.3. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I kienu soġġetti b'riżultat negattiv f'kull każ għal test ta' immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (test AGID jew ta' Coggins) jew għal test ELISA għall-anemija infettiva ekwina(5) mwettaq fuq kampjun tad-demm meħud fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*), fl-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) [II.4.4. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu assenjati lill-Grupp Sanitarju B, D jew E, jew minn pajjiż terz jew territorju li fih tkun ġiet irrapportata l-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders) matul l-aħħar 36 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u l-annimali ekwini kienu soġġetti għal test tal-fissazzjoni tal-komplement għall-infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (glanders)(5) imwettaq b'riżultat negattiv f'kull każ f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 5 fuq kampjun tad-demm meħud fi __/___/____ (*jj/xx/ssss*), fl-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) [II.4.5. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma annimali ekwini maskili jew femminili mhux kastrati li għandhom aktar minn 270 jum, dispaċċati minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu assenjati lill-Grupp Sanitarju B, D jew E, jew minn pajjiż terz li fih tkun ġiet irrapportata d-durina matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u l-annimali ekwini kienu soġġetti għal test tal-fissazzjoni tal-komplement għad-durina(5) mwettaq b'riżultat negattiv f'kull każ f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 5 fuq kampjun tad-demm meħud fi __/___/____ (*dd/mm/yyyy*), fl-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) [II.4.6. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati minn pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu assenjati lill-Grupp Sanitarju E, jew mill-Bolivja, mill-Brażil, mill-Urugwaj jew minn pajjiż terz jew territorju li fih tkun ġiet irrapportata s-surra matul l-aħħar 24 xahar qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u l-annimali ekwini kienu soġġetti għal test tal-agglutinazzjoni tal-kard għat-tripanosomjaži (CATT)(5) imwettaq b'riżultat negattiv f'kull każ f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 minn 4 fuq kampjun tad-demm meħud fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*), fl-aħħar 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]

(3) (6) [II.4.7. L-annimali ekwini deskritti fil-Parti I huma dispaċċati lejn l-Unjoni minn pajjiż terz jew

PAJJIŻ **EQUI-Y**

Dħul – annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar

	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**

territorju, jew żona tiegħu li huma assenjati lill-Grupp Sanitarju E, u

(3) *jew* [kienu soġġetti għal test ELISA indirett jew test ELISA li jibblokka għall-marda Afrikana taż-żwiemel(7), li twettaq b'riżultati negattivi f'kull każ mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni tad-demm meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' bejn 21 u 30 jum, fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*) u fi ___/___/___ (*jj/xx/ssss*), li t-tieni wieħed minnhom ittieħed fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni.]]

(3) *jew* [kienu soġġetti għal test ELISA indirett jew test ELISA li jibblokka għall-marda Afrikana taż-żwiemel(7) b'riżultat negattiv fuq kampjun tad-demm meħud fi ___/___/____ (*jj/xx/ssss*), fl-aħħar 21 jum qabel id-data tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u l-pajjiż terz jew territorju tad-dispaċċ huwa rikonoxxut mill-WOAH bħala uffiċjalment ħieles mill-marda Afrikana taż-żwiemel.]]

II.5. *Attestazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-trasport*

II.5.1. Ikunu saru arranġamenti għat-trasport ta' din il-kunsinna ta' annimali direttament lejn l-Unjoni, mingħajr ma l-annimali jkunu ġew soġġetti, wara d-data taċ-ċertifikazzjoni, għal kwalunkwe operazzjoni ta' assemblaġġ ulterjuri barra mill-Unjoni u mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jikkonformawx ma' mill-inqas l-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali.

II.5.2. Ikunu saru u ġew ivverifikati arranġamenti biex jiġi evitat kull kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jikkonformawx ma' mill-inqas l-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali matul il-perjodu mid-data taċ-ċertifikazzjoni sad-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

II.5.3. Il-vetturi jew il-kontejners tat-trasport li fihom ikunu se jitgħabbew l-annimali jkunu tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż terz jew fit-territorju tad-dispaċċ tal-kunsinna lejn l-Unjoni, u jkunu mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, il-mifrex jew l-għalf tal-annimali ma jkunux jistgħu joħorġu minnhom matul it-trasport.

II.6. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali ekwini deskritti fil-Parti I inżammu għall ħajjithom kollha bħala annimali ekwini li jipproduċu l-ikel f'pajjiż terz jew territorju li jissodisfa l-garanziji previsti fil-pjan ta' kontroll sottomess u approvat f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 elenkat fl-Anness –I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 u mmarkat b'"X" għall-kategorija "ekwini" jew fi Stat Membru fejn ma jkunux irċevew:

(a) is-sustanzi projbiti elenkati fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010;
(b) stilbeni jew sustanzi tirostatiċi;
(c) sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).]

(3) (8) [**II.6a. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Parti I ma ngħatawx prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255, kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u li joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598.]

Noti:

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul ta' annimali ekwini li se jiġu

PAJJIŻ **EQUI-Y**

Dhul – annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar

	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**

skarnati fl-Unjoni.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa ta' referenza I.6: Ipprovdi l-informazzjoni dwar l-operatur responsabbli għall-kunsinna.

Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tal-pajjiż jew tat-territorju jew taż-żona tiegħu tad-dispaċċ kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa ta' referenza I.27: "Sistema ta' identifikazzjoni": L-annimali għandhom jiġu identifikati b'mod individwali b'wieħed mill-metodi ta' identifikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jippermetti li l-annimali jintrabtu maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni u l-post anatomiku użat fuq l-annimali.

Parti II:

(1) Jista' jkun hemm annimal ekwin wieħed jew aktar fil-kunsinna.

(2) Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jinħareġ fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tal-wasla tal-kunsinna fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera; fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-perjodu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għad-durata tal-vjaġġ bil-baħar.

Id-dħul fl-Unjoni ma għandux ikun permess meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul fl-Unjoni mill-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu rispettivi, msemmija fil-punt II.2.1., jew inkella matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra d-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini minn dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu. Ivverifika mal-kolonni 8 u 9 tat-tabella tal-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(4) Il-kodiċi tal-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu u l-Grupp Sanitarju kif jidhru rispettivament fil-kolonni 2 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Testijiet għall-glanders, għas-surra, għad-durina, għall-anemija infettiva ekwina u għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela deskritti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għal Mard tal-Annimali Ekwini għajr il-marda Afrikana taż-żwiemel: https://sitesv2.anses.fr/en/minisite/equine-diseases/sop.

(6) Id-dikjarazzjonijiet li jirrigwardjaw kompletament u esklussivament Grupp Sanitarju differenti mill-Grupp Sanitarju li lilu jiġu assenjati l-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ, jistgħu jitħallew barra, diment li tinżamm in-numerazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sussegwenti.

(7) Testijiet għall-marda Afrikana taż-żwiemel deskritti mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda Afrikana taż-żwiemel: https://www.mapa.gob.es/en/ganaderia/temas/laboratorios-sanidad-genetica/referencia-ue/ .

(8) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.

PAJJIŻ **EQUI-Y**

Dhul – annimali ekwini mahsuba għall-iskarnar

	II.a Referenza taċ-ċertifikat	**II.b Referenza tal-IMSOC**
Veterinarju uffiċjali		
Isem (b'ittri kapitali)	Kwalifika u titolu	
Data	Firma	
Timbru		

Dikjarazzjoni mill-operatur responsabbli għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinna ta' annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar

Identifikazzjoni tal-annimali [1]

Numru totali	Speċi (isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru/i ta' identifikazzjoni	Kwantità
_____	_____	_____	_____	_____

Jiena, l-operatur sottoskritt tal-kunsinna ta' annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar deskritti hawn fuq, b'dan qed niddikjara li:

(a) l-annimali baqgħu fil-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu tad-dispaċċ għal mill-inqas 90 jum qabel id-data tad-dispaċċ tagħhom lejn l-Unjoni;

(b) matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tad-dispaċċ tagħhom lejn l-Unjoni, l-annimali ma kinux f'kuntatt ma' annimali li jbatu minn mard infettiv jew li jittieħed trażmissibbli lill-annimali ekwini;

(c) il-kundizzjonijiet għar-residenza u l-iżolament qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni kif applikabbli f'konformità mal-punt II.3 taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ta' akkumpanjament għall-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni huma ssodisfati;

(d) il-kundizzjonijiet għat-trasport kif applikabbli f'konformità mal-punt II.5 taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ta' akkumpanjament għall-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu tad-dispaċċ lejn l-Unjoni huma ssodisfati;

(e) l-annimali se jintbagħtu

[2] *jew* [direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jkollhomx l-istess stat ta' saħħa;]

[2] *jew* [mill-istabbiliment approvat għal operazzjonijiet ta' assemblaġġ fuq annimali ekwini lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' annimali ekwini oħrajn li ma jkollhomx l-istess stat ta' saħħa;]

L-isem u l-indirizz tal-operatur _____

Data _____ (*jj/xx/ssss*)

_____

(*Firma*)

(1) Sistema ta' identifikazzjoni: L-annimali għandhom jiġu identifikati b'mod individwali b'wieħed mill-metodi ta' identifikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 li jippermetti li l-annimali jintrabtu maċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, transponder) u l-post anatomiku użat fuq l-annimali.

(2) Ħassar jekk mhux applikabbli."